# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 389/2024

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 406778

# UFFIĊJAL AMMINISTRATTIV 5

## FIL-VERIFIKA TAL-ĦIN U L-ATTENDENZA U L-IPPROĊESSAR TAL-PAGI

## FULL-TIME







## L-IRWOL

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika qiegħed ifittex individwi ta' ħila li huma ħerqana li jinagħqdu mal-Uffiċċju fil-kariga ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fil-Verifika tal-Ħin u l-Attendenza, u l-Ipproċessar tal-Pagi.

Minbarra livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni, il-kandidat prospettiv huwa mistenni li jkun kreattiv, ikollu l-abbiltà li jwettaq firxa wiesgħa ta' funzjonijiet amministrattivi u dawk ġenerali, jagħti appoġġ lill-unitajiet oħra fi ħdan l-Uffiċċju, filwaqt li jittratta ma' partijiet interessati esterni skont il-ħtieġa

Barra minn hekk, il-kandidat prospettiv huwa meħtieġ li jkollu ħiliet ta' komunikazzjoni kemm bil-miktub kif ukoll verbali fil-lingwa Ingliża u kwalunkwe lingwa Uffiċjali Ewropeja oħra; preferibbilment il-Malti; u għandu jkun profiċjenti bl-użu ta' għodod ta' Microsoft Office 365 bħal Microsoft Excel u Human Resources Information Systems (HRIS) bħal Dakar payroll software

**Dmirijiet:**

- Il-moniteraġġ tal-attendenza tal-impjegati, filwaqt li jiżgura l-osservanza tal-proċeduri interni tal-kumpanija;
- L-immaniġġjar u ż-żamma tal-iskedi tax-xogħol kemm tal-impjegati tal-NSO full-time kif ukoll ta' dawk bi skedi imnaqqsa biex jiġu reġistrati b'mod preċiż is-sigħat tax-xogħol, inkluż l-ħin tad-dħul/ħruġ, il-pawżi, u l-assenzi;
- Illi jaġixxi bħala punt ewlieni ta' referenza għall-mistoqsijiet tal-impjegati rigward kwistjonijiet ta' pagi;
- Ġbir u verifika ta' informazzjoni dwar iż-żamma tal-ħin għall-impjegati kollha full-time u part-time tal-NSO, kalkolu tal-pagi, overtime, u t-tnaqqis dovut b 'mod preċiż;
- Jitkellem ma' partijiet esterni u jipproċessa t-tranżazzjonijiet tal-payroll fil-ħin, flimkien mal-preparazzjoni u d-distribuzzjoni tal-payslips u l-krediti diretti;
- Preparazzjoni ta' rapporti tal-payroll għal skopijiet ta' Kontabilità;
- Twettiq ta' dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mill-Kap tat-Taqsima jew mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-ħin u b' mod professjonali.

MSA Malta Statistics Authority Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

Malta NSO National Statistics Office Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**SKOPRI KIF TISTA' TAPPLIKA FUQ PAĠNA 2**

# POST VAKANTI

Jobsplus Permit Number: 109/2023

Jobsplus Vacancy Number: 391494

## KUNDIZZJONIJIET

L-impjieg ta' Uffiċjal Aministrattiv 5 huwa bbażat fuq kuntratt indefinit u s-salarju tiegħu għal matul tas-sena 2024 huwa €28,950, b'żidiet li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

**Benefiċċji oħra tal-NSO jinkludu:**

- Ambjent ta' xogħol attraenti;
- Skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fis-sajf;
- Miżuri għall-bilanċ bein ix-xogħol u l-familja;
- Assigurazzjoni tas-saħħa;
- Arranġamenti flessibli tax-xogħol;
- Taħriġ u inċentivi għal studju kontinwu;
- Hybrid working; u
- Opportunitajiet għal aktar tagħlim, inkluż boroż ta' studju.



## REKWIŻITI EWLENIN

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għal dan l-irwol għandhom ikunu fil-pussess ta':

- Ċertifikat rikonoxxut fil-Livell MQF 5 f'qasam ta' suġġett relatat mal-Kontabilitá, Servizzi Finanzjarji, Studji Amministrattivi, jew qasam relatat flimkien ma' seba' (7) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza relevanti;

  JEW

- Ċertifikat fil-livell ta' MQF 6 jew ogħla f'qasam tas-suġġett relatat mal- Kontabilitá, Servizzi Finanzjarji, Studji Amministrattivi jew qasam relatat

Applikanti prospettivi li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati filwaqt li jipprovdu evidenza li qegħdin fl-aħħar fażi tal-kors tagħhom li jwassal għal dawn il-kwalifiki, u huma wkoll ġentilment mitluba biex jaqraw u jirrispettaw **ir-rekwiziti tal-eligibilità.**

## KIF TAPPLIKA



**Biex tapplika agħfas hawn**

**Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb billi tagħfas hawnekk**

Id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija n-nofsinhar (12:00hrs) (Ħin Ċentrali Ewropej), tat-Tlieta 6 t'Awwissu 2024.

MSA
Malta Statistics Authority
Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

EQUALITY CERTIFIED
NCPE

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika